**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 329/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Christopher Raymond Debono**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Christopher Raymond Debono, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 035071M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' talli:

1. Nhar it-08 ta' Settembru 2014, f'dawn il-Gzejjer u ċioe' ġewwa l-għassa tal-Pulizija tal-Marsa, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab ammont ta' flus lil Anthony Bonanno, li għalihom hu ma kellux jedd u dana bi skop sabiex jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;
2. Nhar is-07 ta' Marzu 2014 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer u ċioe' ġewwa l-għassa tal-Pulizija tal-Hamrun u kif ukoll fi bnadi oħra, bil-ħsieb li jagħmel delitt, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab ammont ta' flus lil Marco Pisani, li għalihom hu ma kellux jedd u dana bi skop sabiex jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jaghmel;

3. Nhar il-05 ta' Mejju 2013 u fil-ġranet u ġimgħat ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer u ċioe' ġewwa l-għassa tal-Pulizija tal-Qawra, bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab ammont ta' flus lil Alexander Borg, li għalihom hu ma kellux jedd u dana bi skop sabiex jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;
4. Talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku għamel reati li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'kaz ta' ħtija, tgħaddi għad-dispozizzjonijiet li hemm mahsuba fl-Artikolu 119, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Christopher Raymond Debono ħati tal-akkużi hekk kif dedotti kontrih u kwindi lliberatu minnhom stante li ma ġewx ippruvati *oltre* d-dubbju dettat mill-liġi.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Christopher Raymond Debono ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

Rat li nhar id-29 ta' Diċembru 2023, l-appellat qanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.

Rat is-sentenza mogħtija nhar is-26 ta' April 2024 limitatament dwar dan il-preġudizzjali mqanqla mill-appellat, liema eċċezzjoni ġiet miċħuda u ġie ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Avukat Ġenerali jressaq aggravju uniku, fejn jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi miġjuba quddiemHa u naqset milli tikkonsidra, fid-deċiżjoni tagħha, jekk kenitx tirriżulta l-ħtija għar-reati kollha minnu ndikati fir-rinviju għall-ġudizzju u dan billi fl-imsemmi rinviju l-Avukat Ġenerali oltre għall-artikoli tal-liġi fejn hemm imfassal ir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal

pubbliku, jindika ukoll dak tal-eżazzjoni kontra l-liġi jew 'l hekk imsejjaħ reat ta' konkussjoni kif imħaddan fl-Artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avukat Ġenerali huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellat kellu jinstab ħati tal-kummissjoni ta' dawn iż-żewġ reati u dan meta esiġa flus minn għand terzi biex ma jagħmilx dak li kien fi dmiru li jagħmel.

Illi l-proċeduri penali kontra l-appellat, fejn huwa kien mixli bir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku fil-konfront ta' tlieta minn nies (artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali), kienu inizjati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u mhux fil-kompetenza originali ta' dik il-Qorti. Illi wara li saret il-kumpilazzjoni tal-provi, fit-termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali bagħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bin-nota ta' rinviju għal ġudizzju datata l-10 ta' Marzu 2017 u dan sabiex il-każ jiġi ġġudikat mill-Qorti issa bħala dik ta' Ġudikatura Kriminali, fejn allura f'dik in-nota l-Avukat Ġenerali indika li tista' tinstab ħtija għar-reati maħsuba fl- artikoli 112, 113, 114, 115(1), 119, 141, 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser illi l-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali allura kellha b'żieda mar-reat indikat fiċ-ċitazzjoni, tiġġudika lill-appellat dwar reat ieħor u ċioe' dak imfassal fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali, liema reat allura, fil-fehma tiegħu, tnissel mill-fatti kkumpilati.

Issa meta "*ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. ... ... Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`.*" [1]"

Ekwiperata allura n-nota ta' rinviju għal ġudizzju ma'l-att ta'l-akkuża bħal kif jagħmel meta jiġi biex jirrediġi l-att ta'l-akkuża, l-Avukat Ġenerali wara li jifli l-atti tal-

[1] Il-Pulizija vs Michael Carter – 07/12/2001 App.Krim

kumpilazzjoni irid jara liema huma dawk ir-reati li jitnisslu mill-fatti kkumpilati li jistgħu jiġu imputati lill-persuna akkużata.

Illi r-reat hekk imsejjaħ tal-konkussjoni, artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali, għandu bħala elementi kostituttivi tiegħu similarita' ma' dawk tar-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku mfassal fl-artikolu 115, billi t-tnejn jenħtieġu n-natura uffiċjali jew pubblika ta'l-impieg tal-awtur tar-reat, li dik il-persuna tikseb xi qliegħ indebitament u li ma ikunx dovut skond il-liġi, li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg, bl-iskop ikun illi l-persuna tagħmel jew ma tagħmilx id-dmir tagħha.

Jikkonsegwi illi r-reat tal-konkussjoni jew tal-eżazzjoni kontra l-liġi jinneċessita fl-elementi kostituttivi tiegħu il-karattru pubbliku ta'l-awtur tar-reat, l-eżazzjoni mill-awtur tar-reat fil-kariga pubblika tiegħu ta' xi ħaġa kontra il-liġi, liema eżazzjoni finalment trid issir fil-kors tal-impjieg pubbliku tiegħu u marbut mal-istess impjieg jew kariga, bis-suġġett passiv tar-reat allura, u ċioe' il-persuna li lilha tintalab l-utilita' mill-awtur tar-reat, titqies bħala il-vittma tar-reat kuntrarjament għal dak li jseħħ fir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku fejn trid tirriżulta il-kompliċita' bejn l-uffiċjal pubbliku u l-persuna li tikkorrompieh.

> ***"The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted.[2]"***

Kif igħid il-ġurista Antolisei:

> ***"… si ha concussione allorche` il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizio «abusando della sua qualita` o dei suoi poteri, costringe o induce taluno a dare o a promettere indebitamente, a lui o ad un terzo, denaro od altra utilita`».***
>
> ***In questa figura delittuosa il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizzio si avvalgono illegittimamente della loro posizione per procurarsi, da persone che hanno rapporto con l'Amminstrazione, vantaggi che loro non spettano. Lo scopo dell'incriminazione e' duplice: da un lato tutelare l'interesse dell'Amministrazione alla imparzialita`, corretezza e buona reputazione dei pubblici funzionari; dall'altro, impedire che gli estranei subiscano soprafazzioni e, in genere, danni per gli abusi di potere dei funzionari medesemi. Nessun dubbio, pertanto, che ci troviamo di fronte ad un reato pluri offensive."***

Illi fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija v Geraldo Sacco**[3] hemm imgħallem:

[2] Noti Professur Mamo paġna 82
[3] App. Krim. Imhallef J. Flores, Deciza 11.12.1956

Ghalhekk biex tavvera ruhha din l-ipotesi tal-ligi, huwa essenzjali li l-impjegat jikkometti l-ezazzjoni kontra l-ligi taht "il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu". Ghalkemm huwa estraneu ghar-reat jekk l-impjegat kellu jew ma kellux il-jedd ghall-ezazzjoni bhala salarju ghad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment publiku, huwa pero` rekwizit tar-reat illi l-impjegat ikun ghamel l-ezazzjoni taht il-kulur tal-kariga li jkun jokkupa bhala impjegat publiku. Dak l-artikolu li jirrifletti in parti l-art.196 tal-Kodici penali "Delle Due Sicile", u in parti l-art.174 tal-Kodici Penali Franciz, gie introdott fil-Kodici kif jinsab illum fuq proposta ta' Sir Adriano Dingli fis-seduta tal-L-Kunsill tal-Gvern tal-4 t'April 1850, li fuq suggeriment ta' Jameson biddlet lart.108 tal-Progett tal-1848 tal-Ligijiet Kriminali ta' dawn il-Gzejjer;

Illi, biex l-ezazzjoni tkun saret taht il-kulur tal-kariga, irid ikollha l-apparenza ta' legittimita`, u jrid ikun hemm da parti tal-impjegat l-abbuz tal-awtorita` attribwita lilu minhabba fl-istess kariga tieghu. Dan huwa wiehed mir-reati li l-Kodici jqieghed taht it-titolu "Fuq Abbuz ta' l-Awtorita`Publika"; u jkun hemm dan l-abbuz meta l-impjegat publiku, skond l-espressjoni ta' Carmignani, "*juris colore quaesito*", jezigi xjentement dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti, jew qabel iz-zmien stabbilit mill-ligi; u hi precizament din l-apparenza ta' legittimita` li tiddiferenzja sostanzjalment din il-forma ta' abbuz tal-awtorita` publika mill-ohra tal-"korruzzjoni" kontemplata fl-art.114 tal-Kodici Kriminali, fejn l-espressjoni "taht il-libsa tal-kariga tieghu" tinbidel fl-ohra "fl-okkazzjoni tal-kariga jew impjieg tieghu";

Hekk Roberti (Vol.V no.560) meta jqieghed bhala tielet element tal-konkussjoni il-"*colore di legittimita` attribuito alla indebita esazione*" jghid:- "*Questo elemento e` tanto importante ad assodarsi, in quanto e' il solo che contraddistingue la concussion dalla corruzione*"; u jattribwixxi d-diversita` tal-piena bejn reat u iehor "*.....al maggior danno inerente alla concussione, appunto perche` s'inspira nel cittadino, da cui si esige l'indebito, un certo malcontento contro il governo, laddove nella corruzione mettendosi a prezzo un atto del proprio ufficio, dassi evidentemente a comprendere che l'illecito profitto ceda esclusivamente all'ingordia del pubblico ufficiale o impiegato, senza che il governo lo autorizzi o vi partecipi in menoma parte*". U Garraud (Droit Penal Francais, vol.4 p.42) jghid:- "*la concussion….elle se distingue de la corruption en ce l'inculpe` exige comme un droit ce qu'il sait ne pas lui être du*";...

Illi l-appellat, kif ingħad, kien mixli fiċ-ċitazzjoni bir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku imfassal fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u li abbażi tiegħu kienet

imnehdija il-kumpilazzjoni tal-provi, liema reat jerġa jingħad, jiddifferenzja ruħu minn dak tal-konkussjoni, kif imgħallem fis-sentenza suċċitata, u dan billi r-reat tal-korruzzjoni għandu bħala rekwiżit tiegħu it-talba, l-aċċettazzjoni ta' weghda, rigal jew flus.

Il-Professur Mamo fin-"*Notes on Criminal Law" Revised Edition 1954 – 1955*, f'pagna 83 ta' l-istess meta jitkellem fuq ir-rekwiziti tar-reat in dizamina, taħt it-titolu "*Unlawful Exaction*", ighid hekk:

> ***"... it is necessary for the constitution of this crime that the unlawful exaction be made by the public functionary, under the colour of his office. "What is exacted must be exacted under the pretext that it is legally due". Juris colore causato". The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."***

F'dan ir-rigward l-Antolisei jitkellem dwar ir-rekwizit tal- "*atto d'ufficio*" u jghid li ghandu jkun "*... compiuto nell'esercizio della pubblica mansione che percio rientra nella sfera di competenza del pubblico ufficiale o dell'incaricato di un pubblico servizio.*"[4].

Fir-reat tal-konkussjoni jew kif inhu magħruf bl-Ingliz, dak ta' *unlawful exaction,* l-att materjali huwa komplut hekk kif issir it-talba mis-suġġett attiv tar-reat, anke jekk il-vittma ma tkunx ħallset jew aċċettat li tħallas, kuntrarjament għal dak tal-korruzzjoni fejn is-suġġett passivi jiffigura bħala kompliċi fil-kummissjoni tar-reat, fejn allura f'dan l-aħħar reat irid ikun hemm neċessarjament il-kompliċita' bejn l-uffiċjal pubbliku u l-persuna li tikkorrompieh li joħolqu patt kriminuż, li jservi ta' benefiċċju għalihom it-tnejn.

> **"Fit-Trattato di Diritto Penale Italiano [Quinta edizione – Professori P. Nuvolune e G. D. Pisapia] Vol.V, Capo III jinghad:**
>
> **"Il criterio distintivo tra la corruzione passiva e la concussione si trae principalmente dall' oggetto giuridico di codesti delitti, e dal carattere di reato bilaterale che ha la corruzione, mentre la concussione ha natura unilaterale. Infatti col reprimere la concussione si vuole impedire che i pubblici ufficiali abusino del loro ufficio pre trarre illeciti profitti, estorcendo o carpendo cio' che loro non e' dovuto. E' quindi lavida procacita del funzionario che si colpisce; e' la sua iniziattiva nell' estorcere o nel carpire l' indebito, che viene punita. Colui che da' o prommette e' una vittima**

[4] Pagna 313 Antolisei Manuale di Diritto Penali Pare Speciale II

**del pubblico ufficiale: e' sempre soggetto passivo del reato. Nella corruzione invece, cio' che viene in considerazione e' l' illecito rapporto consensuale tra il pubblico ufficiale e l' estraneo interessato: il primo cede, sfrutando ingordamente l' ufficio o tradendolo per venalita', alle accaparanti iniziative altrui. Egli acetta ignominiosamente o perfidamente ma' non aggredisce ne richiede. ……Nella concussione il funzionario CHIEDE, nella corruzione invece ACCETTA."[sottolinejar u emfazi tal-Qorti][5]" )**

Illi, fis-sentenza mpunjata, l-Ewwel Qorti eżaminat bir-reqqa ir-reat tal-korruzzjoni addebitat lill-appellat u waslet għall-konkluzzjoni li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova tali reat sal-grad rikjest mill-Liġi u dan minħabba konfliġġenza fil-provi, oltre għal fatt illi, fil-fehma tagħha, l-elementi kostituttivi tar-reat ma gewx ippruvati, u għaldaqstant għaddiet sabiex tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

L-Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn dina d-deċizjoni u għalhekk intavola l-appell tiegħu fejn qed isostni li l-Ewwel Qorti kienet filfatt żbaljata fid-deċizjoni tagħha u kellha ssib lill-appellat ħati tar-reati tal-korruzzjoni addebitati lilu. L-istess Avukat Ġenerali jkompli jsostni li jekk dina l-Qorti ma ssibx ħtija fl-appellat ai termini tal-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, allura subordinatament għandha ssibu ħati għar-reat imfassal fl-Artikolu 112, liema reat fil-fehma tiegħu lanqas biss kien ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Illi, fir-rigward tar-reat imfassal fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali[6] dwar liema reat, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza mpunjata, tagħmel esposizzjoni erudita tal-ġurisprudenza li titkellem dwar dan l-istess reat, jridu jkunu ppruvati s-segwenti elementi:

(i) Li l-imputat ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku; u
(ii) Li l-imputat jikkometti dana r-reat in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu; u
(iii) Li l-imputat ikun talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor jew ta' xi vantaġġ għalih, li għalihom huwa ma jkollux jedd; u

---

[5] Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża 01.03.2018 Il-Pulizija vs Gordon George Micallef

[6] **(1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –**

**...**

**(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;**

(iv) Li l-iskop li jkun għamel hekk kien sabiex huwa jonqos li jagħmel dak li hu fi dmir tiegħu li jagħmel; u

(v) L-aċċettazzjoni tal-ħlas, wegħda jew offerta.

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali jirriżulta illi fil-konfront tal-appellat, kienu saru tlett rapporti, u dana minn Alexander Borg, Marco Pisani u Anthony Bonanno. Illi, kif tistqarr l-Ewwel Qorti fis-sentenza impunjata, l-verzjonijiet mogħtija minn dawn it-tlieta minn nies u l-verzjoni mogħtija mill-appellat huma dijametrikament opposti għal xulxin, bl-appellat jisħaq li l-akkuzi miġjuba kontrih kienu frott ta' *frame-up* minn uffiċjali għolja tal-Korp tal-Pulizija sabiex huwa jitlef il-pensjoni marbuta mas-servizz.

Minn naħa l-oħra Alexander Borg jixhed u igħid illi wara tieġ li huwa attenda ġewwa Palazzo Nobile nhar l-4 ta' Mejju 2013, filwaqt li kien qed iwassal lil sħabu lura d-dar permezz tal-vettura tiegħu tal-għamla Mazda 323F bin-numru ta' reġistrazzjoni SWT-080, induna, qabel ma telqu mill-post fejn kien qed jiġi iċċelebrat dan it-tieġ, li kellu *puncture* u kien għadda sabiex ibiddel l-istess. Jgħid li sussegwentement kienu rħewlha lejn il-bajja ta' *Golden Sands* fejn hu u sħabu qattgħu ftit tal-ħin hemmhekk fil-kumpanija ta' xulxin. Hekk kif kienu ser jitilqu lura lejn darhom, Borg kien reġa' iċċekja t-*tyre* tal-vettura tiegħu fejn kien ra li kollox kien għadu sew. Izda, hekk kif huwa qabad isuq u kien ħiereġ minn ħdejn ir-*roundabout* ta' l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, it-*tyre* ta' quddiem tan-naħa tas-sewwieq infaqa'u kawża ta' hekk il-vettura ta' Borg spiċċat fuq l-istess *roundabout*. Borg niżel mill-vettura u kif kien qed iċempel lis-servizzi tal-irmunkar, għaddew bil-vettura xi uffiċjali tal-Pulizija li staqsewh x'kien ġara u talbuh id-dokumenti rilevanti, liema dokumenti huwa pprovda immedjatament. Safrattant ġiet vettura oħra tal-pulizija u hemmhekk l-uffiċjali talbuh sabiex imur magħhom l-għassa tal-Qawra. Borg jixhed li hekk kif waslu l-għassa, daħluh ġewwa kamra, fejn kien hemm l-appellat, li dak iz-zmien kien surġent tal-Pulizija stazzjonat fl-istess għassa, li kien laqgħu bil-kliem "**Irringrazzja l-Alla li ma lqattx palma għax kieku kont teħel elfejn Ewro**". Borg kompla jixhed li dak il-ħin l-appellat kompla jistaqsih xi mistoqsijiet u qallu li setgħet tiċċappaslu l-kondotta. Avżah li kien ser isirlu t-*test* tal-*breathalyser*, liema *test* pero' baqa' ma kienx lilu somministrat. Borg kompla jgħid li, f'dak il-mument, l-appellat qallu il-kliem "**Jiena nista' ngħattilek dan kollu, envelope zgħir imur fin-nofs**" u qallu biex jerġa ' jmur jumejn wara. Meta Borg reġa' mar l-għassa, l-appellat infurmah li kien għattielu kollox u li kieku jinqabad huwa kien jeħel *crime* ta' €400 u sussegwentement staqsieh jekk kienx ġie preparat. Borg qallu li kull ma kien jista' jagħtih kienet is-somma ta' €150 pero l-appellat qallu li b'dik is-somma ma kien ser jagħmel xejn u li jekk ser imur jiġbed dak il-ħin u jerġa' jiġi lura kien ser iqajjem is-suspetti. Borg jgħid li dak il-ħin l-appellat qabad *file* minn quddiemu u qallu li l-persuna li tissemma f'dak il-*file* kellha multa li ma tħallsitx u li kien hemm il-possibbilita' li dik il-persuna tispiċċa l-ħabs

minħabba f'hekk – kliem li bih, Borg ħassu mhedded. *In oltre*, l-appellat qallu ukoll sabiex jerġa' jmur l-għassa l-għada ħa jkellmu fuq id-danni minnu kkaġunati. Meta Borg reġa' irrikorra l-għassa, l-appellat kien qallu "**Minn naħa tiegħi fuq ta' l-ELC nista' nirranġalek għax naf xi rikkonoxximenti li jaħdmu mal-ELC**". Dak il-ħin Borg irrifjuta u rribatta li kien is-surġent li kien naqas minn dmiru u ma għamillux il-*breathalyser* dakinhar tal-inċident u meta ra hekk, l-appellat qallu "**Oħroġli l-barra qisni ma nafekx aktar**". Borg jgħid li wara dak l-akkadut, kien irċieva taħrika tal-Pulizija b'sensiela ta' akkużi dedotti kontrih kif ukoll ittra b'talba għad-danni minn naħa tal-ELC.

Illi, minn naħa tiegħu, l-appellat jirrakkonta dana l-episodju konċernanti Alexander Borg b'mod differenti għall-aħħar. Huwa jaqbel li Alexander Borg kien intalab imur l-għassa minħabba fi ħsara li saret f'*roundabout* mill-vettura misjuqa minnu, u li meta għamel hekk huwa kien ordna lil PC 188 sabiex idaħħal ir-rapport rilevanti fis-sistema tal-PIRS. Jgħid ukoll li huwa kien ipprepara id-dokument tal-*waiver* u li kien spjega dwar l-istess lil Borg, li minn naħa tiegħu għadda sabiex jiffirma l-istess. Madanakollu, kuntrarjament għal ta' dak li xehed Borg, l-appellat saħaq li huwa kellem lil Borg f'kamra fil-prezenza ta' PC 620 u PC 188 u li qatt ma kellmu waħdu, kif jikkontendi l-imsemmi Alexander Borg. L-appellat imbagħad jgħid li kif telaq Borg mill-għassa dakinhar, il-kuntistabbli kienu nfurmawh li kienu xammew riħa t'alkoħol fuq Borg, u u huwa rrabja magħhom għax ma kienux infurmawh mal-ewwel b'dan. Sussegwentement huwa jgħid li nforma lil Borg li ser jinħarġulu akkużi relatati mal-alkoħol fejn l-istess Borg kien staqsa kif dan seta' jkun meta ħadd ma kien għamillu l-*breathalyser test* dakinhar tal-inċident. L-appellat xehed li wara din il-komunikazzjoni, Borg kien tfaċċa l-għassa mingħajr pre-avviz u kien beda jeqridlu sabiex ma joħroġx l-akkuzi relatati mal-alkoħol u minħabba f'hekk, sabiex jeħles minnu, l-appellat kien mar jieħu sigarett barra u Borg reġa' mar warajh u talbu jagħlaq għajn waħda u ma jressqux il-qorti fuq din l-akkuża. L-appellat kompla jixhed li wara li rċieva l-istima tal-ħsara minn għand l-ELC, li kienet tammonta għall-€233, informa lil Borg bl-istess, fejn dan qallu li kien lest li jħallas sa €150. L-appellat kien qallu li ma setax jagħmel dan u bagħtu 'l hemm. Fl-aħħarnett huwa qal li Borg kien filfatt tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati imma kien ġie lliberat stante li l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu kienu nstabu li kienu preskritti.

Illi, abbinati ma' dawn iż-żewġ verżjonijiet konfliġġenti, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha t-testimonjanza ta' PC 188 Luke Camilleri, li kien preżenti fl-għassa tal-Qawra meta seħħ dan l-episodju. Huwa xehed li l-appellat kien talbu sabiex igħaddielu l-magna tal-*breathalyser* u hu filfatt hekk għamel:–

> "**Ġibtlu l-breathalyser, xegħlu, tah it-twissija u baqa' jkellmu. Jiena minn hemm hekk ħriġt barra mill-uffiċju u meta dħalt lura ndunajt li l-**

**breathalyser ma ħadimx għaliex is-surġent beda jipprova jiftaħ l-apparat tal-breathalyser. Kif ra li ma rnexxilux, qalli biex nerġa nieħu l-breathalyser lura postu. Jien hemm hekk ħriġt mill-uffiċju u kien hemm xi nies, komplejt naqdi lil dawn in-nies u meta dħalt biex nistaqsih fuq xi ħaġa, kien qiegħed ġol garage tal-għassa jkellem lil Alexander Borg ... kif wasalt hemm hekk, huma waqfu jitkellmu u wara jiena erġajt dort u mort lura fuq barra**".

PC 188 kompla jixhed fejn stqarr li sussegwentement l-appellat kien talbu jneħħi l-parti dwar it-test tal-*breathalyser* mir-rapport u hu kien obdih.

Illi, *in oltre*, mir-rapport tal-PIRS magħmul in konnessjoni ma' dan l-inċident, li jinsab eżebit in atti, ma hemm ebda aċċenn kemm għal fatt li Borg ġie nnutat li kellu riħa ta' alkoħol, kif ukoll għall-fatt li l-istess Borg ġie nfurmat li ser jinħarġu akkużi relatati mal-alkoħol kontrih u lanqas ma hemm ebda aċċenn għal fatt illi kien ġie somministrat l-*breathalyser test*.

Illi, għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji jirriżulta, kuntrarjament għal dak li tiikkonkludi l-Ewwel Qorti, t-teżi ta' Alexander Borg, hija msaħħa bil-provi l-oħra li hemm fl-atti, b'mod ewlieni dik tal-kuntistabbli Camilleri li kkorrobora bis-sħiħ il-verzjoni mogħtija minn Borg u mhux dik mogħtija mill-appellat, li minn naħa tiegħu fl-ebda ħin ma jindika illi l-kuntistabbli Camilleri kien involut b'xi mod jew ieħor fl-allegat *frame up* tiegħu jew li kellu xi motiv ulterjuri sabiex ma jgħidx is-sewwa dwaru, u għalhekk dina l-Qorti m'għandiex raġuni 'il għala tiddubita mil-veraċita' tal-verzjoni minnu mogħtija, liema verżjoni hija kkorroborata ukoll bil-kontenut tal-PIRS relattiv. Illi anke Sorita Azzopardi, waħda mill-ħbieb ta' Alexander Borg, li kienet miegħu f'dik il-lejla ġewwa l-għassa tal-pulizija, tirrakkonta li għalkemm hi u sħabhom l-oħra baqgħu barra filwaqt lil Borg kien qed jiġi mitkellem mill-appellat, iżda osservat illi meta ħareġ Borg kien abjad karti u minnufih irrakontalhom dak li kien seħħ. F'dan is-sens jixhed ukoll Bjorn Micallef, ħabib ieħor ta' Borg li dak in-nhar kien fil-kumpanija tiegħu.

Illi, t-tieni rapport dwar dan l-allegat tixħim sar minn ċertu <u>Marco Pisani</u>, li xehed li huwa kien ġie arrestat mill-Pulizija in konnessjoni ma' investigazzjoni li kienet qiegħda issir dwar allegat serq ta' dawl. Xehed li kienu ħaduh l-għassa tal-Ħamrun u hemmhekk kien kellmu l-appellat fejn l-istess kien qallu li kien ħa jara kif jirranġalu – "**Qalli li ħa jkolli noħroġ xi ħaġa mill-but u rrid inħallsu lura, nħallsu għax se joħroġ għonqu għalija**". Pisani kompla jixhed li l-appellat kien talbu s-somma ta' €500 fejn l-istess Pisani kien talbu sabiex iħallsu bil-mod u l-appellat kien aċċetta li jsir hekk. Pisani kompla jgħid li l-appellat kompla jċempillu u jitolbu dawn il-flejjes u saħansitra kien insulentah, heddu, irrabbja u għajjat miegħu. Sussegwentement, nhar l-4 ta' Settembru 2014, Marco Pisani xehed li kien irċieva telefonata mill-Għassa tal-Marsa u kien ċempel il-*Control Room* sabiex jara min kien ċempillu, fejn ġie nfurmat li kien l-

appellat li kien ipprova jċempillu, sabiex jgħidlu biex imur l-għassa ħa jkellmu. Meta sema' hekk, Pisani rrabja u jinstema' jgħid – "**għidlu jien għandi x-xogħol u għandi ħajti, dan qed jiġri warajja biex intih xi flus li m'għandux jieħu u ma nistax niġi, għidlu jekk irid ifittixni u niltaqgħu l-Qorti**". Minħabba f'hekk imbagħad, il-Pulizija adetta mal-*Control Room* dak in-nhar għamlet rapport lis-superjuri tagħha u kienet skattat l-investigazzjoni relattiva.

Illi, dan kollu kien ikkorroborat mill-għarusa ta' Marco Pisani, Lorraine Farrugia, li xehdet li meta Pisani irrikorra l-għassa tal-pulizija, l-appellat kien talbu s-somma ta' €500 "**għax qal li se jeħlisni minn din il-biċċa xogħol**". Farrugia xehdet ukoll li darba kienet wieġbet telefonata li kienet saret mill-appellat lil Pisani fuq it-telefon ċellulari tiegħu, fejn l-istess appellat beda jheddidha li jekk Pisani mhux ħa jagħtih il-flus "**Niġi għalik u anke niġi għalih, ma jinteressanix min ikun hemm**".

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellat jerġa' jagħti verżjoni tal-fatti kompletament differenti minn dan kollu. Jixhed li din l-investigazzjoni kienet qed tieħu ħsiebha kollega tiegħu li kienet tagħtu *handover* meta spiċċalha s-*shift* tax-xogħol tagħha. Din kienet investigazzjoni dwar każ ta' serq ta' dawl. Jixhed li filgħaxija kien tfaċċa Marco Pisani l-għassa u kien kellmu fil-prezenza ta' uffiċjali oħra tal-Pulizija. Xehed ukoll li l-atteġjament ta' Pisani fil-konfront tiegħu kien kemmxejn ardit u pastaż iżda meta l-appellat spjegalu x'kienet il-kwistjoni, Pisani malewwel qal li kien ser jirrimedja l-problema. L-appellat xehed ukoll li lil Marco Pisani kien kellmu darba biss u qatt ma kellmu bit-telefon. Jgħid li din it-telefonata li Pisani għamel lil *Control Room* kienet parti mill-allegat *frame-up* li jisħaq li qed isir fil-konfront tiegħu. *In oltre*, l-appellat jisħaq li lill-għarusa ta' Pisani la qatt kellimha u ma jafx min hi – "**Qatt qatt qatt. Jekk naraha minn wiċċha ma nagħrafix**". Fl-aħħarnett jisħaq li l-każ kontra Pisani ma kienx kompla għax kien hemm *waiver* min naħa tal-Enemalta, u dan għaliex irriżulta illi sid il-post kien ta l-kunsens tiegħu biex Pisani juża l-kurrent elettriku.

Illi, fl-aħħarnett fir-rigward tar-rapport li tressaq minn <u>Anthony Bonanno</u>, dan jixhed illi nhar it-8 ta' Settembru 2014, irċieva telefonata sabiex imur l-Għassa tal-Marsa. Meta wasal kellem lill-appellat li infurmah li l-pulizija bagħtu għalih in konnessjoni ma' rapport dwar xi brix doluż li seħħ fil-festa tal-Imnarja fuq vann appartenenti lil ċertu Joshua Cachia. Bonanno jgħid li huwa minnufih nnega l-involviment tiegħu f'dan kollu, iżda l-appellat infurmah illi l-istima tal-ħsara kienet ta' €600, pero' "**qalli nġibuha 50 Ewro imbagħad aħseb fija**". Bonanno jgħid li meta semgħu jgħid dan id-diskors kesaħ u kif ħareġ mill-għassa ċempel lill-iSpettur James Grech, li kien qed jassistih fuq każ separat, u nfurmah b'dak li kien seħħ. L-iSpettur Grech kien ta struzzjonijiet lill-Bonanno sabiex l-istess jirritorna l-għassa ħa jkellmu lis-Surġent u filfatt hekk sar. Xehed li minn dakinhar 'il quddiem ma kien sema' xejn aktar fuq dan il-każ.

Illi, dwar l-akkadut xehed ukoll l-iSpettur James Grech li stqarr li huwa kien jaf lil Anthony Bonanno fir-rigward ta' kaz li kien qed jinvestiga, fejn l-istess Bonanno kellu *crane* li kien allegatament inħaraq minn ċertu Joshua Cachia. Grech kompla jgħid li darba minnhom ċempillu Bonanno fejn qallu li kien irċieva messaġġi ta' theddid mingħand Cachia u kien mar jirrapporta l-istess l-għassa taz-Zurrieq fejn PS72 Bernard Galea kien informa b'dan lil PS 830, ċioe' lill-appellat. Grech jgħid li ma kien sar xejn iktar mill-pulizija fuq dan il-każ għax Cachia ma kienx qed jirrispondi għat-telefonati mill-għassa. Ikompli billi jixhed li nhar it-8 ta' Settembru 2014, ċempillu Anthony Bonanno li nfurmah li l-appellat kien ikkuntatjah sabiex imur l-għassa tal-Marsa biex ikellmu. L-iSpettur Grech għalhekk ċempel lill-appellat sabiex jagħtih ir-retroxxena tar-relazzjoni li kien hemm bejn Bonanno u Cachia, iżda jgħid li l-istess appellat kien arroganti miegħu u kien qallu bil-pulit sabiex ma jindaħalx. Wara li Bonanno rrikorra l-għassa tal-Marsa u tkellem mal-appellat, dan infurmah li Cachia kien qed jakkuzah li baraxlu l-vann, huwa reġa ċempel lill-iSpettur fejn qallu dan id-diskors:–

> "**Ma nafx jekk hux qed niġġennen pero' dan is-surġent qalli li l-istima tal-ħsara fuq il-vann ta' Cachia ġiet €600. U qalli biex nammetti li kont jien u jnaqqasli xi ħaġa mill-istima, mill-ħsara. Qalli mbagħad naħseb fih**".

Kif sema' hekk, l-iSpettur Grech kien talab lill-Bonanno sabiex imur l-uffiċċju tiegħu fejn Bonanno kien reġa' tenna – "**Qalli li hu kien lest li jirranġa l-affarijiet u jnizzilieli għal €50 basta naħseb fih**". Sussegwentement, Grech kien għamel rapport lill-*Internal Affairs* sabiex issir investigazzjoni fuq dan l-allegat tixħim. Fl-aħħarnett Grech xehed li mill-PIRS tal-każ irriżultalu li filfatt il-valur tal-ħsara kommessa kienet dik ta' €350, kif ukoll li meta Bonanno ġie mitkellem mill-appellat ma ngħatalu l-ebda dritt skond il-liġi, inkluż id-dritt għall-assistenza legali.

Illi, minn naħa tiegħu l-appellat, għal darb'oħra, jirrakkonta storja differenti. Primarjament jisħaq kontinwament li l-iSpettur Grech kien qed jipprova jgħin lil Bonanno u li kien parti mill-*frame-up* fil-konfront tiegħu. Ikompli billi jixhed li nhar id-29 ta' Ġunju 2014 irċieva rapport mill-għassa taz-Zurrieq dwar allegat ħsara volontarja fuq il-vettura ta' ċertu Joshua Cachia fejn huwa kien idderiġa lill-istess Cachia sabiex iġiblu stima tal-ħsarat kommessi. Jgħid li Cachia dam ħafna sabiex pprovda tali stima, imma meta fl-aħħar għaddihielu, irriżulta li din kienet tammonta għal €350, mingħajr VAT, u mingħajr il-valur tal-karozza tal-kiri li kien qed juza' sakemm il-vettura tiegħu kienet għat-tiswija. L-appellat xehed li meta kellu tali stima f'idejh ċempel lill-iSpettur Sarah Magri li qaltlu sabiex ikellem lil Bonanno u hu fil-fatt ċempillu sabiex jmur l-għassa propju ħalli jgħaddielu l-messaġġ mingħand l-iSpettur. Bonanno kien saħaq li ma kien jaf xejn fuq dan il-każ, u hekk kif qata' minn miegħu, ċempillu l-iSpettur James Grech fejn heddu bil-pulit. Stqarr ukoll li sussegwentement

kien reġa' ċempillu s-Sur Grech fejn kien heddu "**b'dagħa u dagħa faħxi u jgħajjarni li inpattihilek ara ma tressqux, ħafna kliem iebes**" u l-appellat kien wieġbu bil-kliem "**mela għamel liz-zobb f'għoxx kemm għandek trid**" u kien qatalu t-telefon. *Inoltre*, l-appellat jisħaq li hemm diversi telefonati li ma ġewx preżentati f'dawn il-proċeduri kif ukoll li kien hemm tbagħbis fil-*police file* in kwistjoni.

Illi, dwar dina l-aħħar kwistjoni, u ċioe' tal-allegat tbagħbis fil-*police files*, kien tqabbad l-espert Joseph Mallia sabiex isir eżami komparattiv bejn il-kalligrafija u l-firma allegatament tal-appellat, mal-kotba u l-firem kontenuti fid-dokument JAX (*police file* li jinsab eżebit a folio 277 tal-atti proċesswali). L-istess espert wasal għas-segwenti konkluzjoni:-

1. **Ir-referenza għan-numru tal-file u n-numru tal-paġna fuq il-continuation sheets f'paġni numri tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), sitta (6) u tmienja (8) huma neqsin.**
2. **L-informazzjoni tal-moviment tal-file taħt eżami, li normalment tinkiteb fuq il-qoxra ta' quddiem taħt il-kolonni bit-titlu "Referred to" u "Date" b'referenza għand min jiġi mibgħut l-istess file hija assenti, għajr għall-movimenti meta l-file ġie riferut lil PS 830 nhar is-17 ta' Diċembru 2014, nhar is-6 t'April 2015 u nhar il-5 ta' Mejju 2015.**
3. **Illi l-ittri kapitali P S, numri 830 u l-firma li jinsabu miktubin taħt il-minuta numru sitta (6) ġew ikkomparati pożittivament mal-kaligrafija u l-firma ta' Debono Christopher Raymond, detentur tal-karta tal-identita' numru 35071(M).**
4. **Illi l-kitba li ġiet mgħottija permezz tal-correction fluid (tippex) li tinsab qabel il-minuta numru għaxra (10) ġiet ikkomparata pożittivament mal-kaligrafija ta' Debono Christopher Raymond, detentur tal-karta tal-identita' numru 35071(M).**
5. **Il-kitba li tinsab miktuba taħt il-minuta numru għaxra (10) ma taqbilx mal-kaligrafija u l-firma ta' Debono Christopher Raymond, detentur tal-karta tal-identita' numru 35071(M).**
6. **Is-"Subject Form" li tinsab f'Red 10-17 ma hijiex formola oriġinali iżda formola stampata permezz ta' printer jew foto kopja. Fuq din il-formola jidhru sinjali ta' wear and tear tar-romblu tal-printer.**
7. **Fuq din l-istess "Subject Form" fil-kantuniera lemin fuq jidhru miktubin in-numri 10-17 permezz ta' linka ta' lewn aħmar. F' nofs in-numru żero (0) jidher miktub in-numru sebgħa (7).**
8. **Il-kitba li tinsab miktuba permezz ta' linka ta' lewn blu "Q/324/14" fuq is-"Subject Form" Red 10-17 ġiet ikkomparati pożittivament mal-kalligrafija ta' Debono Christopher Raymond, detentur tal-karta tal-identita' numru 35071(M).**

9. **Illi ġew identifikati punti karatteristiċi diskrepanti u nuqqas ta' qbil bejn il-kors tal-kitba tal-firma allegatament ta' PS 830 li tinsab miktuba fuq is-"Subject Form" Red 10-17 hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba tas-sur Debono Christopher Raymond, detentur tal-karta tal-identita' numru 35071(M), kif miktuba minnu fuq il-kampjuni tal-firma tiegħu.**
10. **Illi fuq is-"Subject Form" Red 10-17 tidher kitba mgħafusa, liema kitba tinsab miktuba fuq il-folja preċedenti.**
11. **Illi fuq ir-rapport Red 5 tidher l-għafsa tan-numru għaxra (10) li jinsab miktub fil-kantuniera ta' fuq lemin tas-"Subject Form" Red 10-17. In-numru sebgħa (7) li jista' jkun l-istess numru sebgħa (7) li jidher miktub f'nofs in-numru żero (0) fuq is-"Subject Form" Red 10-17, jidher magħfus aktar l-isfel.**

**Ikkunsidrat:**

Illi, jibda' billi jingħad li kif irriżulta mill-konkluzzjonijiet tal-Espert Joseph Mallia, appena ċċitati, kien hemm xi tbagħbis minn terza/i persuna/i mhux magħrufa fil-*police file* in kwistjoni u għalhekk dwar dan il-punt l-allegazzjonijiet magħmula fir-rigward mill-appellat ġew ippruvati u għandhom mis-sewwa. Ovvjament dina l-Qorti qed tirreferi għall-allegazzjoni ta' tbagħbis u mhux għall-uffiċjal li jsemmi l-appellat, u dana għaliex qatt ma ġie identifikat min ikkommetta tali tbagħbis. Inoltre dan l-allegat manomissjoni fil-*police file* jikkonċerna unikament il-każ marbut mar-rapport ta' Anthony Bonanno.

Illi, dawn id-diskrepanzi, iżda, bejn id-deposizzjonijiet tax-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni, max-xiehda dettaljata li jipprovdi l-appellat dwar kull rapport li sar fil-konfront tiegħu abbinat mat-tbagħbis fil-*file* konċernanti il-każ ta' Anthony Bonnano nisslu dubbju fl-Ewwel Qorti dwar il-veraċita' tar-rapporti magħmula fil-konfront tal-appellat. Fil-fatt l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellat kienet aktar verosimili.

Issa, għalkemm huwa minnu li l-appellat jipprovdi dettalji fuq kull każ li dwaru jinsab mixli, madanakollu din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tinsab rinfaċċjata b'tlett rapporti dwar każijiet mhux konnessi ma' xulxin, li lkoll iżda għandhom fattur komuni bejniethom, u ċioe', l-appellat li qed jitlob il-flus sabiex jew ma jipproċediex bil-każ fil-qorti jew inkella sabiex itaffi ftit mis-serjeta' tal-każ, b'akkużi inqas onerużi.

Illi, ma hemm ebda prova in atti li remotament tindika jew timplika li hemm xi ness bejn dawn it-tlett rapporti, jew li kien hemm xi ftehim bejn dawn it-tlieta minn nies sabiex jimplikaw lill-appellat fil-kummissjoni ta' xi reat, jew li huma involuti fil-*frame up* allegat mill-appellat fil-verżjoni tiegħu tal-fatti. Lanqas ma hemm prova ta' xi motiv li kull wieħed minn dawn it-tlieta minn nies seta' kellhom sabiex jivvintaw dina l-

istorja kontra l-appellat. L-appellat jibqa' jisħaq li hemm *frame-up* fil-konfront tiegħu minn dawn it-tlieta minn nies u minn uffiċjali għolja tal-Pulizija, pero' provi konkreti ta' dan il-*frame-up,* għall-inqas sal-grad minnu mistenni, ma jressaqx, għajr għal prova magħmula permezz tar-rapport tal-espert Joseph Mallia dwar allegat tbagħbis fil-*police file* konċernanti Anthony Bonanno. Dan madanakollu ma jfissirx illi it-talba għal flus ma saritx mill-appellat lil Bonanno. Aktar minn hekk, id-deposizzjonijiet ta' Lorraine Farrugia, PC 188 Luke Camilleri, l-iSpettur James Grech, Sorita Azzopardi u Bjorn Micallef jikkorroboraw ix-xiehda tat-tlett persuni li jallegaw tentattiv ta' tixħim minn naħa ta'l-appellat. Anke jekk għal grazzja tal-argument, wieħed jasal sabiex jemmen dak allegat mill-appellat li l-iSpettur Grech kien kompliċi f'dan l-allegat *frame-up*, ċertament ma tressqet l-ebda raġuni sabiex it-testimonjanza ta' PC 188 u ta' Lorraine Farrugia ma tiġix emmnuta. Illi għalhekk din il-Qorti ma tara li kien hemm ebda mottiv sabiex l-Ewwel Qorti tiskarta din it-testimonjanza mogħtija minn tlieta minn nies li ma ġie ippruvat ebda ness bejniethom dirett sabiex jikkrejaw xi *frame up* kif allegat mill-appellat, liema testimonjanza hija msaħħa minn provi oħra li hemm fl-atti.

Issa l-Ewwel Qorti tikkonkludi illi, anke jekk għal grazzja tal-argument, hija kellha temmen il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Borg, Bonnano u Pisani xortawaħda ir-reat maħsub fl-artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali ma jissussistix u dan għaliex:

> **U jekk is-subinciz li ghandu japplika ghal dan il-kaz huwa 115(1)(b), u l-imputat ghalhekk ma kellux jaghmel dak li kellu fid-dmir li jaghmel, fil-kaz ta' Alexander Borg inhargu l-akkuzi kontrih, fil-kaz ta' Marco Pisani ma ttiehdux proceduri mhux bis-sahha tal-imputat izda fuq in-nolle prosequi minn naha tal-kwerelant, u fil-kaz ta' Anthony Bonanno l-imputat ma kellux il-jedd li ma johrogx l-akkuzi ghaliex skont l-ammont din kellha tmur kumpilazzjoni li kellha tohrog mill-Ispettur u mhux minnu.**

Illi, fis-sentenza ta' dina l-Qorti, diversament preseduta, datata 11 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Sant" ġie ritenut li -

> **Għal finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, l-offerta' ta' flus, żgħir kemm hu żgħir l-ammont, fiha dejjem il-potenzjalita' tal-korruzzjoni, kemm -il darba tali offerta tkun saret bis-serjeta' u ċioe' bil-ħsieb li dik l-offerta' tiġi aċċettata. Infatti id-delitt jiġi kommess mill-uffiċjal pubbliku appena huwa jaċċetta l-offerta, indipendentement mill-fatt jekk in segwitu hu jagħmilx dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel jew jonqos milli jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel.**

Illi dan l-artikolu tal-liġi regolanti l-korruzzjoni passiva jitkellem fuq dik il-korruzzjoni mwettqa mill-ufficjal jew impjegat pubbliku fejn il-korruttur jitlob, jirċevi

jew jaċċetta wegħda, flus jew rigal sabiex ma jwettaqx id-dmirijiet tiegħu. Illi dan l-artikolu inbidel in forza tal-Att Numru III ta' 2002 in kwantu giet inkluża l-kelma "jitlob" mal-att materjali li kien sa dak iż-żmien jitkellem biss dwar l-agent li 'jirċevi jew jaċċetta'. Illi permezz ta' dan l-Att seħħet riforma shiha f'din id-disposizzjoni tal-ligi bl-implementazzjoni f'Malta tal-*European Criminal Law Convention on Corruption*[7] tal-Kunsill tal-Ewropa, iffirmata minn Malta fit-24 ta' April 2002. Illi l-Konvenzjoni adottata f'pajjiżna fl-artikolu 3 tieghu jirregola l-korruzzjoni passiva tal-uffiċjal pubbliku meta hemm hekk imfassal:

> ***Passive bribery of domestic public officials***
>
> ***Each Party shall adopt such legislative and other measures as may be necessary to establish as criminal offences under its domestic law, when committed intentionally, <u>the request</u> or receipt by any of its public officials, directly or indirectly, of any undue advantage, for himself or herself or for anyone else, or the acceptance of an offer or a promise of such an advantage, to act or refrain from acting in the exercise of his or her functions***

Illi similment fl-artikolu 2 tal- Konvenzjoni mfassla abbażi ta' l-Artikolu 3(2)(ċ) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi l-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea hemm is-segwenti definizzjoni tal-korruzzjoni passiva:

> **Artikolu 2 Korruzzjoni passiva**
>
> **1. Għall-għan ta' din il-Konvenzjoni, l-azzjoni deliberata ta' uffiċjal, li, dir
ettament jew permezz ta' intermedju, <u>jitlob</u> jew jirċievi vantaġġi ta' kull tip possibbli, għalih innifsu jew għall-parti terza, jew jaċċetta promessa ta' vantaġġ tali, biex jaġixxi jew jonqos li jaġixxi skond id-dmir tiegħu jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bi ksur tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu tkun tikkonstitwixxi korruzjoni passiva.**

Għalhekk preċedentement għal din l-emenda, l-azzjoni ta' l-aġent punibbli taħt l-imsemmi artikolu kienet waħda fuq żewġ binarji, ċioe' li "jircevi jew jaccetta" mentri wara l-imsemmija emenda fil-liġi introdotta fl-2002 huwa punibbli wkoll l-att materjal kommess mill-ufficjal jew impjegat pubbliku **<u>li jitlob</u>** xi flejjes li għalihom mhux

[7] ETS No.173

intitolat, u dan immaterjalment allura jekk l-korruttur jirnexxielux fl-intenzjoni tiegħu li jagħmel jew jonqos li jagħmel dak li għandu jsir skont id-dmirijiet tiegħu.

Mela filwaqt li preċedenti ghal emenda introdotta fl-2002 ir-reat kien simili ghal dak mahsub taht id-dritt penali taljan – *art.319 codice penale* – li jirrikedi 'l hekk imsejjah *pactum sceleris* bejn il-korrutttur u l-persuna li jikkorrompi, bil-fatt illi l-leġislatur ħaseb biex jintroduci att materjali ġdid fejn jikkonfigura r-reat tal-uffiċjal pubbliku li jkun hu stess li jitlob il-flus, ma hux meħtieġ illi s-suġġett passiv tar-reat f'dan ix-xenarju jagħmel il-patt mas-suġġett attiv u igħaddi l-flus jew wegħda li tkun qed tiġi lilu mitluba jew jaċċetta li jagħmel dan, għaliex hekk kif issir it-talba ir-reat huwa ikkunsmat.

Illi, stabbilit kwindi illi l-Ewwel Qorti errat meta tat affidament lil verżjoni tal-fatti tal-appellat, jifdal biex ikun kkunsidrat jekk dawn il-fatti jinkwadrawx rwieħhom fir-reati indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju. Illi fir-rigward tar-reat stabbilit fl-artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jirriżultaw is-segwenti elementi ippruvati:

(i) <u>Li l-imputat ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku</u>

Illi, mix-xhieda ta' PS 30 Malcolm Cachia, in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija, ġie ikkonfermat li l-appellat huwa membru tal-korp tal-pulizija fil-grad ta' surġent. Ġie ddeterminat li huwa daħal fil-Korp nhar il-11 ta' Lulju 1991 u huwa preżentement temporanjament sospiz mill-korp u dana minn nhar is-7 ta' Mejju 2015. Għalhekk ġie ppruvat li fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni l-appellat kien uffiċjal jew impjegat pubbliku u għaldaqstant dan l-ewwel rekwiżit ġie sodisfatt.

(ii) <u>Li l-imputat jikkommetti dana r-reat in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu</u>

Illi, ġie ppruvat li l-appellat talab il-flus lil Marco Pisani, lil Anthony Bonanno u lil Alexander Borg meta huwa kien qed jaqdi dmirijiet tiegħu fil-vesti ta' Surġent tal-Korp tal-Pulizija. Għaldaqstant anke dan it-tieni rekwiżit ġie sodisfatt.

(iii) <u>Li l-imputat ikun talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor jew ta' xi vantaġġ għalih, li għalihom huwa ma jkollux jedd</u>

Illi, huwa ippruvat li l-appellat f'dawn il-proċeduri talab lil Marco Pisani, lil Anthony Bonello u lil Alexander Borg flus għalih innifsu, liema flus ma kellux dritt għalihom. Għaldaqstant anke dan it-tielet rekwiżit ġie sodisfatt.

(iv) <u>Li l-iskop li jkun għamel hekk kien sabiex huwa jonqos li jagħmel dak li hu fi dmir tiegħu li jagħmel.</u>

Illi, f'dan il-kaz, kien l-appellat stess li ressaq l-offerta għall-ħlas lill-kwerelanti, u dana sabiex b'xi mod jew ieħor jikkrejalhom vantaġġ fil-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe azzjoni penali li għaliha huma setgħu kienu soġġetti. Jikkonsegwi li ġaladarba kien propju l-appellat stess li talab il-flus lill-parti offiża, ma kienx hemm il-bżonn li huwa jaċċetta l-istess, u dana stante li permezz tat-talba tiegħu kien hemm l-konsumazzjoni tad-delitt. *In oltre*, mill-provi prodotti jirrizulta li Alexander Borg inizjalment kien propens li jħallas lill-appellat, tant li offrilu l-ammont ta' €150 ,filwaqt li Marco Pisani kien talab li jħallsu bin-nifs. Huwa minnu li fl-aħħar mill-aħħar ebda wieħed minn dawn it-tlieta minn nies ma għaddew flus lill-appellat pero' il-fatt jibqa' illi huwa talab dawn il-flejjes minn għandhom diversi drabi, liema aġir jikkostitwixxi l-att materjal tar-reat.

Għaldaqstant il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti billi din kemm fuq bażi fattwali kif ukoll legali hija *unsafe and unsatisfactory*, għaliex, kif ingħad, fit-termini tad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali id-delitt ġie kommess minnu appena huwa talab il-flus lill-parti offiża, u dana indipendentement mill-fatt jekk in segwitu hu għamilx dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel, jew naqas milli jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel. Għaldaqstant anke dan ir-rekwizit ġie sodisfatt.

Għal dawn il-motivi, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta mill-ħtija tal-appellat fir-rigward ta'l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment tilliberah mill-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellat, kif ingħad, kien mixli ukoll bir-reat maħsub fl-artikolu 112 tal-kodiċi Kriminali kif rifless fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju ta'l-Avukat Ġenerali li jitkellem fuq l-eżazzjoni kontra il-liġi minn uffiċjal pubbliku. Illi l-Qorti eżaminat l-elementi ta' dan ir-reat iktar 'il fuq u ssib illi ma tistax tirriskontra ħtija għal dan ir-reat billi l-elementi tar-reat ma jirriżultawx ippruvati mill-fattispeċje tal-każ. Dan għaliex il-flus li intalab mill-appellat ma kellhomx il-vesti ta' leġittimita' bil-vittmi tar-reat jiġu indotti f'kompliċita mill-appellat sabiex igħaddulu il-flus bil-għan li huma jiksbu xi vantaġġ mhux mistħoqq. Kwindi l-Qorti tqis illi l-elementi ta' dan ir-reat ma jikkonfiggurawx rwieħhom fil-fattispeċje tal-każ u allura ma tistax tirriżulta il-ħtija għall-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi, *inoltre*, l-appellat kien akkużat ukoll talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku għamel reati li huwa kellu jissorvelja li ma jsirux, jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi, u dana ai termini tal-Artikolu 141 tal-Liġijiet ta' Malta. Stante li dina l-Qorti qed issib ħtija fir-rigward l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, isegwi li għandha tirriżulta l-ħtija ukoll għal din l-impuatzzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali. Tgħaddi għalhekk sabiex tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha u minflok issib lill-appellat Christopher Raymond Debono ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u dana ai termini tal-Artikoli 115(1)(b), 119, 141, 17, 18, 31 u 533 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tilliberah mir-reat imfassal fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali. Konsegwentement tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' sentejn, liema piena qed tiġi sospiza għall-perijodu ta' erba' snin, u dana ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. *In oltre*, tikkundanna lill-appellat Christopher Raymond Debono għal piena tal-interdizzjoni ġenerali u perpetwa fit-termini tal-Artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali. Finalment bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-appellat Christopher Raymond Debono sabiex iħallas l-ammont ta' elf, seba mija u tnax -il Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€1,712.34)[8] rappreżentanti spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.**

**Il-Qorti spjegat lill-appellat Christopher Raymond Debono il-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[8] Dr Abigail Bugeja - €26.08 (fol. 218), Dr Martin Bajada - €218.30 (fol. 328), Dr Martin Bajada - €369.51 (fol. 414), Joseph Mallia - €1,098.45 (fol. 625).